

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi fir-rigward tal-konklużjoni li l-finanzjament tal-kumpanniji tal-ajru kkonċernati joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi fir-rigward tal-konklużjoni li l-allegata għajnuna li l-Kummissjoni kkonstatat li nġhatat lir-rikorrenti ma setgħetx tkun approvata bħala li hija kumpatibbli mas-suq intern taħt waħda mid-derogi li jinsabu fl-Artikolu 107(3) TFEU.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni ta' fatt u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li r-rikorrenti kellha aspettattivi leġittimi li l-arranġamenti tagħha mal-operaturi tal-ajruport ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward kemm: (a) tal-konklużjoni li l-operaturi tal-ajruport aġixxew sempliċement bħala "intermedjarji" tar-reġjun ta' Sardegna u li għaldaqstant il-finanzjament li huma pprovdew lir-rikorrenti kien jinvolvi riżorsi tal-Istat u kien imputabbli lill-Istat; kif ukoll (b) tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' operatur f'ekonomija tas-suq bl-għan li jiġi stabbilit li r-rikorrenti bbenefikat minn vantaġġ indebitu.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1861 tad-29 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/N) — l-Italja — Kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (SIEĠ) (ĠU 2017 L 268, p. 1).

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2018 – Crédit mutuel Arkéa vs EUIPO – Confédération nationale du Crédit mutuel (Crédit Mutuel)

(Kawża T-13/18)

(2018/C 094/40)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Crédit mutuel Arkéa (Le Relecq Kerhuon, Franza) (rappreżentanti: A. Casalonga, F. Codevelle u C. Bercial Arias, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Confédération nationale du Crédit mutuel (Pariġi, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Crédit Mutuel" – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 943 135

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 1724/2016-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata inkwantu kkonċediet li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 9 943 135 "Crédit Mutuel" kellha karattru distintiv minħabba l-użu fir-rigward ta' ċerti prodotti fil-klassijiet 9, 35 u 36;

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata inkwantu rrikonoxxiet il-karattru distintiv tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 9 943 135 “Crédit Mutuel” għal ċerti prodotti fil-klassijiet 9, 16, 36, 38, 42 u 45;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 52(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2018 – Lillelam vs EUIPO – Pfaff (LITTLE LAMB)

(Kawża T-18/18)

(2018/C 094/41)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lillelam A/S (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentant: N. Köster, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Nick Pfaff (Ammanford, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni “LITTLE LAMB” – Trade mark tal-Unjoni Nru 8 121 675

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 536/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tirrevoka t-trade mark tal-Unjoni Nru 8 121 675 “LITTLE LAMB” għall-inqas għall-“Ħwejjeġ” u “Aċċessorji għall-ħwejjeġ”
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament 2017/1001.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2018 – Nova Brands vs EUIPO – Natamil (Natamil)

(Kawża T-23/18)

(2018/C 094/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti Nova Brands SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: V. Wellens, lawyer)